



Dokument ta' sessjoni

B9-0463/2023

17.11.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-Mistoqsijiet għal Tweġiba Orali B9-0000/2023 u
B9-0000/2023

skont l-Artikolu 136(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-Inizjattiva Riveduta dwar il-Pollinaturi - Patt ġdid għall- pollinaturi
(2023/2720(RSP))

**Alexander Bernhuber, Milan Brglez, Martin Hojsík, Michèle Rivasi, Anja
Hazekamp**

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

B9-0463/2023

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Inizjattiva Riveduta dwar il-Pollinaturi -
Patt ġdid għall- pollinaturi
(2023/2720(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2023 bit-titolu “Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi” (COM(2023)0035),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2023 dwar l-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej (ICE) “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b’saħħtu”¹,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2018 bit-titolu “Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi” (COM(2018)0395),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar l-Inizjattiva tal-UE dwar id-Dakkara²,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni tal-2016 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi dwar id-dakkara, id-dakkir u l-produzzjoni tal-ikel,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni tas-26 ta' Jannar 2022 bit-titolu “L-awtoritajiet lokali u reġjonali jaçċelleraw l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi”,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023 bit-titolu “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar ir-Reviżjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi”³,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 15/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tad-9 ta' Lulju 2020 bit-titolu “Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa”,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu “Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f’haġjitna” (COM(2020)0380),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu “Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur

¹ ĠU C 148, 28.4.2023, p. 1.

² ĠU C 255, 29.6.2021, p. 29.

³ ĠU C 349, 29.9.2023, p. 173.

- l-ambjent” (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Ottubru 2020 bit-titolu “Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità” (COM(2020)0667),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f’ħajjitna⁵,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Ottubru 2021 dwar Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent⁶,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta’ Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta’ regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel⁷,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi (O-0050/2023 – B9-0000/2023 u O-0051/2023 – B9-0000/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- A. billi madwar 80 % tal-ispeċijiet tal-għelejjel u tal-pjanti bil-fjuri selvaġġi fl-Ewropa jiddependu, mill-inqas sa ċertu punt, mid-dakkir tal-annimali, u l-pollinaturi selvaġġi jistgħu jipprovdu sa 50 % tas-servizzi meħtieġa tad-dakkir⁸;
- B. billi skont il-Lista Ħamra Ewropea, il-popolazzjonijiet ta’ madwar waħda minn kull tliet speċijiet ta’ naħal, friefet u hoverflies qed tonqos; billi, barra minn hekk, waħda minn kull għaxar speċijiet ta’ naħal u friefet, u waħda minn kull tliet speċijiet ta’ hoverfly huma mhedda bl-estinzjoni; billi fil-livell reġjonali, matul l-aħħar tliet deċennji ġie osservat telf fil-popolazzjoni tal-insetti ta’ sa 75 %;
- C. billi l-pollinaturi huma primarjament speċijiet selvaġġi ta’ insetti, bħan-naħal (inklużi n-naħal baġħli, in-naħal tal-għasel u l-ispeċijiet solitarji tan-naħal), iż-żunżan, il-hoverflies, il-friefet, il-baħrijiet, il-ħanfus u speċijiet oħra li jtiru bħal friefet il-lejl u l-għasafar, li jittrasferixxu t-trab tad-dakra minn partijiet maskili għal femminili ta’ fjuri,

⁴ ĠU C 411, 27.11.2020, p. 48.

⁵ ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

⁶ ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

⁷ ĠU C 202, 28.5.2021, p. 49.

⁸ Garibaldi et al., “Wild Pollinators Enhance Fruit Set of Crops Regardless of Honey Bee Abundance” (Il-Pollinaturi Selvaġġi gtejbu l-Għelejjel tal-Frott irrispettivament mill-Abbundanza tan-Naħal tal-Għasel) *Science*, Vol 339, Ħarġa 6127, 29 ta’ Marzu 2013, pp. 1608-1611.

u jippermettu li l-pjanti jiġu fertilizzati u jirriproduċu;

- D. billi l-ispeċijiet u l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-pollinaturi selvaġġi qed jonqsu primarjament minħabba l-attività tal-bniedem, speċjalment bħala riżultat tat-tibdil fil-klima, l-agrikoltura intensiva, l-użu tal-pestiċidi, it-telf u d-degradazzjoni tal-ħabitats naturali, it-tniġġis ambjentali u l-ispeċijiet u l-mard aljeni invażivi;
- E. billi l-ġbir ta' data oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar ir-rikkezza u l-abbundanza tad-diversi speċijiet ta' pollinaturi fl-għelieqi huwa fundamentali għall-valutazzjoni tal-istat tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi u għall-valutazzjoni ta' jekk l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlux progress biex ireġġgħu lura t-tnaqqis ta' dawn il-popolazzjonijiet;
- F. billi n-naħal tal-għasel jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għad-dakkir; billi madankollu, dan ma jissostitwix ir-rwol essenzjali li firxa varjata ta' insetti pollinaturi selvaġġi, bħan-naħal solitarju, il-friefet, il-hoverflies u l-ħanfus, jaqdu fil-proċess tad-dakkir, għalkemm il-kontributi relattivi tagħhom ivarjaw skont l-għelejjel u l-post;
- G. billi popolazzjonijiet f'saħħithom ta' pollinaturi selvaġġi jipprovdu servizzi ta' dakkir aktar robusti u affidabbli għas-settur agrikolu; billi d-dipendenza żejda fuq id-dakkir minn speċi waħda, bħan-naħal tal-għasel, twassal ukoll għal riskji akbar relatati mal-vulnerabbiltà akbar tal-ispeċijiet għall-mard u għal speċijiet aljeni invażivi;
- H. billi r-rendiment u/jew il-kwalità tal-għelejjel jiddependu kemm fuq l-abbundanza kif ukoll fuq id-diversità tal-pollinaturi; billi l-varjazzjoni fil-preżenza, l-abbundanza u r-rikkezza tal-pollinaturi tista' tkun f'xi kuntesti u skont il-karatteristiċi ekoloġiċi tal-ispeċijiet, spjegati aktar mill-prossimità u l-proporzjon ta' ħabitats (semi)naturali favorevoli bħall-artijiet bil-ħaxix u l-foresti milli mill-istrixxi tal-fjuri fl-għelieqi⁹; billi f'każijiet oħra, ir-rikkezza tal-fjuri taħt l-art agrikola tista' tikkumpensa għall-iżolament mill-ħabitat naturali¹⁰;
- I. billi l-ġhodod ta' politika maħsuba biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed dakkir tal-għelejjel jeħtieġ li jqisu l-kompetizzjoni potenzjali bejn in-naħal tal-għasel u l-pollinaturi selvaġġi indiġeni; billi dan jeħtieġ valutazzjoni aħjar ta' meta, fejn, u kemm huma meħtieġa naħal tal-għasel biex jiġi żgurat id-dakkir effettiv ta' għelejjel li jagħmlu l-fjuri bil-massa mingħajr ma ssir ħsara lid-dakkara jew lill-pjanti nattivi selvaġġi¹¹;
- J. billi l-pressjonijiet fuq il-pollinaturi huma prinċipalment assoċjati mal-agrikoltura; billi l-forestrija kummerċjali mhux sostenibbli, li hija responsabbli għan-nuqqas ta' siġar

⁹ Bartholomé, O. et al., "Pollinator presence in orchards depends on landscape-scale habitats more than in-field flower resources" (Il-preżenza tal-pollinaturi fl-imsaġar tiddependi minn ħabitats fuq skala tal-pajsaġġ aktar mir-riżorsi tal-fjuri fl-għelieqi), *Agriculture, Ecosystems & Environment*, Vol. 293, 2020.

¹⁰ Saunders, M. u Luck, G., "Interaction effects between local flower richness and distance to natural woodland on pest and beneficial insects in apple orchards" (Effetti ta' interazzjoni bejn ir-rikkezza tal-fjuri lokali u d-distanza lejn l-imsaġar fuq il-pesti u l-insetti ta' benefiċċju fl-imsaġar tat-tuffieħ), *Agricultural and Forest Entomology*, Vol. 20, Nru 2, 2017, pp. 279-87.

¹¹ Geldmann, J. u González-Varo, J., "Conserving honeybees does not help wildlife: High densities of managed honeybees can harm populations of wild pollinators" (Il-konservazzjoni tan-naħal tal-għasel ma tgħinx lill-organiżmi selvaġġi: Densitajiet għoljin ta' naħal tal-għasel ġestit jistgħu jagħmlu ħsara lill-popolazzjonijiet tal-pollinaturi selvaġġi). *ScienceMag*, Vol. 359, Nru 6374, 2018, pp. 392-3.

qodma, injam mejjet u mikrohabitats assoċjati ġiet identifikata wkoll bħala waħda mit-theddiet ewlenin għall-hoverflies, li 37 % minnhom huma mhedda bl-estinzjoni fl-Ewropa¹²;

- K. billi l-pollinaturi huma essenzjali għaż-żamma tal-bijodiversità u s-saħħa tal-ekosistema, peress li jikkontribwixxu għaż-żamma u l-ħolqien tal-ħabitats tal-ħabitats tal-organiżmi selvaġġi, huma kruċjali għall-produzzjoni taż-żrieragħ kemm fis-sistemi agrikoli kif ukoll f'dawk naturali, huma integrali għall-produzzjoni tal-ikel, il-kwalità tan-nutrizzjoni u s-sigurtà tal-ikel, u jikkontribwixxu għas-sbuħija u l-estetika tal-pajsaġġi billi jippermettu t-tkabbir u l-fjoritura ta' diversi pjanti; billi l-kontribut dirett tagħhom għall-agrikoltura tal-UE huwa stmat li jilħaq madwar EUR 15-il biljun¹³; billi erbġħa minn kull ħames speċijiet ta' għelejjet u speċijiet ta' fjuri selvaġġi jiddependu, tal-anqas sa ċertu punt, mill-insetti għall-pollinaturi; billi l-pollinaturi jappoġġjaw b'mod sinifikanti, fost affarijiet oħra, l-għajxien tal-bdiewa u ta' partijiet ikkonċernati oħra fis-settur agrikolu;
- L. billi rapport ġdid dwar ix-xejriet għall-friefet tal-artijiet bil-ħaxix madwar l-Ewropa juri li l-għadd ta' dawn il-friefet naqas b'36 % f'għaxar snin biss u li l-fatturi ewlenin li jwasslu għat-tnaqqis tagħhom huma l-intensifikazzjoni agrikola kemm mill-konverżjoni tal-artijiet bil-ħaxix għal għelieqi li jinħartu kif ukoll mill-użu qawwi ta' fertilizzanti u erbiċidi, li jnaqqsu l-għadd ta' fjuri selvaġġi li fihom il-friefet jirriproduċu;
- M. billi l-pollinaturi huma indispensabbli kemm għas-sigurtà tal-ikel kif ukoll għan-nutrizzjoni u huma essenzjali għal tipi ta' ikel bħall-frott, il-ħaxix, il-ġewż u ż-żrieragħ, li min-naħa tagħhom huma kruċjali biex tiġi żgurata saħħa alimentari tajba u b'mod partikolari għall-prevenzjoni ta' mard mhux komunikabbli;
- N. billi t-tnaqqis fil-pollinaturi selvaġġi u l-implikazzjonijiet fuq is-sigurtà tal-ikel, ir-reżiljenza agrikola, is-saħħa tal-bniedem, il-kwalità tal-ħajja, in-nutrizzjoni ta' kwalità u s-servizzi tal-ekosistema żiedu s-sensibilizzazzjoni pubblika u qajmu tħassib serju fis-soċjetà kollha u dan wassal għal azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi wara t-tnaqqis u jittaffew il-konsegwenzi, li wassal, fost affarijiet oħra, għall-konklużjoni b'suċċess tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa", li titlob tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar favur in-naħal;
- O. billi l-gwida tal-Kummissjoni għal bliet favur il-pollinaturi tipprovdi rakkomandazzjonijiet siewja għall-ambjenti urbani li jappoġġjaw il-pollinaturi;
- P. billi fir-rapport tagħha tal-2019 dwar l-istat tal-ambjent Ewropew, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) qalet li disġha mit-13-il objettiv ta' politika speċifiku stabbiliti għall-2020 fil-qasam tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-tiżni tal-bijodiversità u n-natura Ewropej fil-biċċa l-kbira mhux se jkun qed javviċinaw l-objettivi tagħhom fl-

¹² L-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tas-Sopravivenza tal-Ispeċijiet tan-Natura – il-Grupp ta' Speċjalisti dwar il-Hoverflies / il-Grupp ta' Speċjalisti dwar l-Ippjanar tal-Konservazzjoni, "European Hoverflies: Moving from Assessment to Conservation Planning" (Il-Hoverflies Ewropej: Il-Bidla mill-Valutazzjoni għall-Ippjanar tal-Konservazzjoni). Il-Grupp ta' Speċjalisti dwar l-Ippjanar tal-Konservazzjoni, Apple Valley, MN, l-Istati Uniti, 2022.

¹³ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali 15/2020, "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE – l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa", 2020.

2020¹⁴; billi d-disa' miri kienu jinkludu miri relatati mal-ispeċijiet u l-ħabitats protetti tal-UE, l-ispeċijiet komuni (għasafar u friefet), u l-kundizzjoni u s-servizzi tal-ekosistema;

Kummenti ġenerali u l-konsegwenzi tat-telf tal-pollinaturi

1. Jilqa' l-Inizjattiva riveduta tal-UE dwar il-Pollinaturi – Patt ġdid għall-pollinaturi u jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-atturi reġjonali u lokali jieħdu azzjoni konkreta biex ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-pollinaturi malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2030;
2. Jilqa' l-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej “Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa”; jemmen li agrikoltura li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent hija l-bażi għall-produzzjoni sostenibbli ta' ikel tajjeb għas-saħħa; jemmen li t-talbiet taç-ċittadini jeħtieġ li jissarrfu f'politiki futuri malajr u b' mod effiċjenti;
3. Jaqbel li t-tnaqqis tal-pollinaturi joħloq theddida għall-benesseri tal-bniedem, il-produttività agrikola, is-sigurtà tal-ikel u n-natura b' mod ġenerali; jisħaq li d-dakkir mill-pollinaturi selvaġġi u ġestiti huwa input agrikolu essenzjali; jenfasizza li l-valur annwali ta' EUR 4,5 biljun ta' dakkir bħala servizz tal-ekosistema fl-UE jirreġistra biss il-valur tas-servizz li fil-fatt jitwettagħ u jirriżulta f' rendiment ta' frott u ħxejjex; jisħaq li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' pollinaturi minħabba l-perssonijiet li jiffaċċjaw, dan il-valur jista' jkun ħafna ogħla¹⁵;
4. Jenfasizza li l-fatt li l-għelejjel jiddakkru minn animali selvaġġi u domestikati huwa servizz tal-ekosistema kruċjali u fil-periklu¹⁶; jinnota li l-valur ekonomiku globali tad-dakkir minn animali domestikati u selvaġġi ġie stmat għal EUR 153 biljun, filwaqt li t-telf żejjed tal-konsumatur assoċjat ma' telf totali ta' dakkir tal-animali kien stmat bejn EUR 190 u EUR 310 biljun¹⁷;
5. Jisħaq fuq il-benefiċċji għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem ipprovduti mid-dakkir, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jkomplu b' mod sostenibbli; jinnota wkoll li l-pollinaturi jikkontribwixxu għar-rendiment agrikolu għal 35 % tal-produzzjoni globali tal-ikel¹⁸, filwaqt li l-għelejjel imdakkra mill-animali fihom il-maġġoranza ta' diversi vitamini (A, C u E) u minerali (kalċju, fluworur u ħadid) disponibbli f' dieti madwar id-dinja¹⁹; jenfasizza, għalhekk, li l-pollinaturi huma vitali kemm għas-sigurtà tal-ikel kif

¹⁴ EEA, “The European environment – state and outlook 2020 – Knowledge for transition to a sustainable Europe” (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti għall-2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2019.

¹⁵ Eurostat, “[Accounting for ecosystems and their services in the European Union – 2021 edition](#)” (Inqisu l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom fl-Unjoni Ewropea – edizzjoni tal-2021), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2021.

¹⁶ Potts S. et al., “Global pollinator declines: trends, impacts and drivers” (It-tnaqqis fil-pollinaturi madwar id-dinja: ix-xejriet, l-impatti u l-kawżi), *Trends in Ecology & Evolution*, Vol. 25, 2010, pp. 345–353.

¹⁷ Gallai N. et al., “Economic valuation of the vulnerability of world agriculture confronted with pollinator decline” (Valutazzjoni ekonomika tal-vulnerabbiltà tal-agrikoltura globali li qed tiffaċċja tnaqqis fil-pollinaturi), *Ecological Economics*, Vol. 68, 2009, pp. 810–821.

¹⁸ Klein, A.M. et al., “Importance of pollinators in changing landscapes for world crops” (L-importanza tal-pollinaturi fil-pajsaġġi li qed jinbidlu għall-għelejjel tad-dinja), *Proceedings of the Royal Society*, Vol. 274, Nru 1608, 2007, pp. 303–13.

¹⁹ Eilers, E. et al., “Contribution of Pollinator-Mediated Crops to Nutrients in the Human Food Supply (Il-

ukoll għan-nutrizzjoni;

6. Jinnota li t-tnaqqis fil-pollinaturi għandu ħafna effetti negattivi fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem; jenfasizza li wieħed minn dawn huwa t-tnaqqis fid-disponibbiltà globali tal-frott u l-ħxejjex, li jista' jwassel għal tnaqqis fil-konsum u għalhekk għal żidiet fil-mard li ma jitteħidx²⁰;
7. Jirrikonoxxi l-kontribut li sar mill-ewwel Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi; jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora r-riżultati tal-inizjattiva fl-istrateġija futura għall-bijodiversità, inklużi servizzi tal-ekosistema ewlenin oħra li l-insetti jipprovdu;
8. Jilqa' l-impenji tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-opportunitajiet għall-gruppi ta' interess soċjo-okkupazzjonali tal-Ewropa u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u r-responsabbiltajiet kondiviżi tagħhom, fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi u fl-ilhug tal-għanijiet tagħha;
9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin kollha tat-tnaqqis fil-pollinaturi;

L-iżgurar tal-koerenza tal-politika: l-agrikoltura u l-forestrija, it-tnaqqis tat-tniġġis u konnettività akbar

10. Ifakkar li l-Patt Ekoloġiku Ewropew ġie adottat bħala strateġija olistika ġdida biex tippermetti lill-UE tindirizza l-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; ifakkar li l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, inklużi l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità u l-Istrateġija "Mill-għalqa sal-platt" se jintlaħqu biss meta jintlaħaq b'mod effettiv l-għan ewleni tal-Inizjattiva tal-UE riveduta dwar il-Pollinaturi, jiġifieri li jitreġġa' lura t-tnaqqis fil-pollinaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw iż-żewġ strateġiji malajr u bis-sħiħ; itenni li l-istrateġija għall-bijodiversità għall-2030 jeħtieġ li tilħaq bis-sħiħ il-miri tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom għal miżuri sostanzjali u addizzjonali dwar il-konservazzjoni tal-bijodiversità;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħalqu l-lakuni fil-politiki settorjali ewlenin tal-UE li jindirizzaw it-tnaqqis tal-pollinaturi, u li jiġu inklużi miżuri biex jiġu protetti l-pollinaturi fil-politiki rilevanti tal-UE;
12. Jenfasizza li strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali ddedikati għall-protezzjoni tal-pollinaturi huma għodod essenzjali biex jiġu mobilizzati l-partijiet rilevanti kollha u jiġu ġestiti l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex it-tnaqqis tal-pollinaturi jitreġġa' lura; japprezza l-isforzi tal-Istati Membri li adottaw strateġiji nazzjonali jew reġjonali ddedikati biex jipproteġu lill-pollinaturi u jistieden lil daww li fadal biex jagħmlu dan malajr kemm jista' jkun sabiex jindirizzaw b'mod konġunt l-kawżi kollha tat-tnaqqis b'mod koordinat, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet u l-kundizzjonijiet nazzjonali,

Kontribut tal-Għeġjel Imdakkra mill-Pollinaturi għan-Nutrijenti fil-Provvista Alimentari tal-Bniedem), *PLOS ONE*, Vol. 6, Nru 6, 2011.

²⁰ Smith, M. et al., "Effects of decreases of animal pollinators on human nutrition and global health: a modelling analysis" (Effetti tat-tnaqqis fil-pollinaturi animali fuq in-nutrizzjoni tal-bnedmin u s-saħħa globali), *The Lancet*, Vol. 386, Nru 10007, 2015, pp. 1964–1972.

reġjonali u lokali;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni (PAK) mal-oġġettivi tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu b' mod konġunt daww il-pjanijiet, li nstabu li ma jissodisfawx l-azzjonijiet meħtieġa; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu kapitolu speċifiku fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK biex jiddeskrivu miżuri konkreti li għandhom l-għan li jiproteġu l-pollinaturi selvaġġi u ġestiti, filwaqt li titqies l-importanza ta' tagħhom bħala fornituri ta' input agrikolu; jissottolinja li l-baġit tal-PAK tal-2023-2027 jipprovdi appoġġ għal prattiki rilevanti għall-klima u għandu jintuża biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-bijodiversità tal-UE, inkluża l-protezzjoni tal-pollinaturi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-mekkaniżmi u l-pjattaformi ta' governanza attwali u futuri jkunu kompletament funzjonali sabiex jintlaħqu, sal-iskadenzi miftiehma, l-għanijiet tal-Inizjattiva dwar il-Pollinaturi u b' mod aktar wiesa' l-istrateġija għall-bijodiversità; jistieden, f' dan ir-rigward, lill-Kummissjoni timplimenta l-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi meħtieġa li se jaħdmu biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fil-governanza u l-politika u jitneħħew l-ostakli biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri miftiehma fil-livell tal-UE;
15. Jissottolinja, f' dan ir-rigward, l-interkonnessjoni qawwija bejn l-Inizjattiva riveduta tal-UE dwar il-Pollinaturi u l-liġi proposta tal-UE dwar ir-restawr tan-natura fir-rigward tal-kisba ta' treġġiġh lura tax-xejra fit-tnaqqis tal-pollinaturi, b' mod partikolari permezz tal-allinjament tal-miżuri nazzjonali għar-restawr tan-natura mal-politiki rilevanti fl-ambitu tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi;
16. Jissottolinja l-ħtieġa kontinwa li l-pollinaturi jiġu protetti aħjar mir-riskji li jirriżultaw mill-pestiċidi u l-bijoċidi, u jiddispjaċih dwar id-dewmien fit-teħid ta' azzjoni biex jiġu protetti l-pollinaturi permezz tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009²¹ u r-Regolament (UE) Nru 528/2012²²;
17. Iqis il-preżenza ta' siġar qodma, zkuk mejta u mikrohabitats assoċjati bħala essenzjali għall-iżvilupp tal-pollinaturi u għall-kapaċità ta' tagħhom li jieklu u jbejtu; japprezza, f' dan ir-rigward, li pjan ta' konservazzjoni wieħed fl-ambitu tal-patt il-ġdid għall-pollinaturi se jiffoka speċifikament fuq il-pajsaġġi tal-foresti; jemmen li l-pjan ta' konservazzjoni għandu jfittex sinerġiji ma' forestrija eqreb tan-natura;
18. Jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb il-bażi tal-evidenza xjentifika biex tiġi vvalutata t-tossiċità relattiva tal-pestiċidi kollha, mhux biss tal-insettiċidi, għan-naħal u pollinaturi oħra sabiex il-miri tat-tnaqqis fil-ħsara jkunu jistgħu jiġu aġġustati aħjar sal-2027; jisħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni u li l-politiki jiġu implimentati skont l-aħħar evidenza xjentifika sabiex jitwaqqaf it-tnaqqis fil-pollinaturi;

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

²² Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

19. Jitlob li tiġi pprojbita, sa mhux aktar tard mill-2027, l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli manifatturati bl-użu ta' pestiċidi li huma pprojbiti fl-UE minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-bniedem u ta' protezzjoni tal-bijodiversità u li jistgħu jikkawżaw ħsara inaċċettabbli lill-pollinatori;
20. Jieħu nota tal-gwida riveduta tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għan-naħal (*Apis mellifera*, *Bombus* spp. u naħal solitarju) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementawha malajr; jieħu nota tal-ftehim milħuq fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-UE tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2021 biex jiġi stabbilit għan speċifiku ta' protezzjoni ta' 10 % bħala l-livell massimu permess ta' tnaqqis fid-daqs ta' kolonja li jirriżulta mill-esponiment tan-naħal tal-għasel għall-pestiċidi; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf ta' Mejju 2022 biex jiġi implimentat approċċ ta' limitu mhux definit għall-għanijiet speċifiċi ta' protezzjoni kemm għan-naħal bagħli kif ukoll għan-naħal solitarju; iqis li l-għanijiet speċifiċi ta' protezzjoni għall-pollinatori selvaġġi jridu jkunu konformi mal-ħtieġa li jiġu rkuprati l-popolazzjonijiet li diġà jinsabu eżawriti; jieħu nota tal-impenn tal-Kummissjoni li taġġorna l-iskema attwali ta' valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi għall-artropodi mhux fil-mira (li taħtha jiġu vvalutati l-ispeċijiet kollha ta' dakkara selvaġġi mhux inklużi fid-Dokument ta' Gwida tan-Naħal) u jisħaq li tali aġġornament huwa prijorità urġenti;
21. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-oġġezzjoni tiegħu, appoġġjata b' mod wiesa', għal att ta' implimentazzjoni: L-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel²³ u tal-pożizzjoni li ilu jħaddan li l-pollinatori jridu jingħataw protezzjoni akbar;
22. Jinsab imħasseb dwar il-limitazzjonijiet tal-valutazzjonijiet ta' ingredjenti attivi uniċi li jintużaw matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex jippermettu tranżizzjoni mingħajr dewmien lejn valutazzjoni tar-riskju ambjentali aktar olistika u kuntestwalizzata tal-pestiċidi għall-insetti, inklużi l-pollinatori, li tibni fuq il-proġett IPol-ERA; jemmen li din it-trasformazzjoni sistemika għandha tqis firxa wiesgħa ta' pollinatori u l-effetti kumulattivi ta' sustanzi kimiċi differenti, u li dan jirrikjedi sforzi kkoordinati mill-aġenziji rilevanti kollha;
23. Jieħu nota tal-abbozz ta' gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar il-valutazzjoni tar-riskji għan-naħal mill-użu tal-bijoċidi; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ffinalizzat malajr id-dokument ta' gwida, sabiex ikun jista' jibda jintuża fil-proċess ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 fil-livell tal-UE jew dak tal-Istati Membri u għall-approvazzjoni fil-livell tal-UE;
24. Jisħaq li l-involvement sinifikattiv tal-bejjieġha bl-immnut, il-bejjieġha bl-ingrossa u l-produtturi kbar tal-ikel mal-fornituri tagħhom jista' jżid valur miżjud sinifikanti fit-tnaqqis tal-użu u r-riskji tal-pestiċidi; jissottolinja l-ħtieġa li l-kumpaniji l-kbar fil-katina alimentari jikkonkludu kuntratti fit-tul mal-produtturi tagħhom, u jgħinu lill-bdiewa tagħhom jimplementaw b' mod korrett il-prattiki tal-ġestjoni integrata tal-pesti, inkluż

²³ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel (ĠU C 202, 28.5.2021, p. 49).

billi joffru l-appoġġ finanzjarju u tekniku meħtieġ għall-bdiewa u l-kultivaturi biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni malajr lejn prattiki agroekoloġiċi u tal-biedja organika, filwaqt li jiġi żgurat li se jirċievu prezz ġust għall-isforzi tagħhom;

25. Jinnota li l-emissjonijiet tan-nitroġenu qed jikkawżaw l-ewtrofikazzjoni ta' artijiet bil-ħaxix seminaturali, jagħmlu ħsara lill-ħabitats tal-pollinaturi u jqiegħdu lil speċijiet fil-periklu f'riskju ta' estinzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li tittieħed azzjoni aktar b'saħħitha biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu, li jaffettwaw b'mod negattiv il-artijiet bil-ħaxix li huma importanti għall-pollinaturi;
26. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' sforzi kkoordinati biex jiġi indirizzat it-tniġġis tad-dawl – xi pajjiżi qed jadottaw politiki nazzjonali u oħrajn mhuma jieħdu l-ebda azzjoni; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' metriċi li jirreġistraw u jirrapportaw dwar il-livelli tat-tniġġis tad-dawl fl-UE u fl-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis tat-tniġġis skont il-linji bażi miftiehma, u biex jiġi mmonitorjat il-progress; iħeġġeġ l-użu tas-servizzi ta' Copernicus biex tiġi stabbilita dijanjożi tat-tniġġis attwali tad-dawl fl-UE;
27. Jissottolinja l-ħtieġa li l-konservazzjoni tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema tiġi inkorporata fil-prattiki tal-ippjanar urban sabiex jiġu protetti l-popolazzjonijiet tal-pollinaturi, jingħata kontribut għad-diversità tagħhom u jinħolqu ħabitats ġodda u konnessi tajjeb;
28. Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw il-popolazzjonijiet tal-pollinaturi fiż-żoni urbani, jiġbru data dwar is-saħħa tal-pollinaturi u jiżviluppaw strateġiji bbażati fuq l-evidenza għall-konservazzjoni tagħhom; iħeġġeġ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi fost il-bliet biex jinħolqu network għall-isforzi ta' konservazzjoni tal-pollinaturi urbani;
29. Jenfasizza l-benefiċċji tas-soqfa ekoloġiċi, il-ġonna vertikali u l-prattiki agrikoli urbani sostenibbli fil-provvista ta' ħabitats għall-pollinaturi, u fil-kontribuzzjoni tagħhom għar-reżiljenza urbana u għal kwalità tal-ħajja mtejba għar-residenti tal-bliet;
30. Jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-interkonnessjoni qawwija bejn l-Inizjattiva riveduta tal-UE dwar il-Pollinaturi, u li tinżamm u tittejjeb il-protezzjoni tan-natura skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar²⁴, id-Direttiva dwar il-Ħabitats²⁵ u l-liġi proposta tal-UE dwar ir-restawr tan-natura fir-rigward tal-kisba ta' tregġiġh lura tax-xejra fit-tnaqqis tal-pollinaturi, b'mod partikolari permezz tal-allinjament tal-miżuri nazzjonali għar-restawr tan-natura mal-politiki rilevanti fl-ambitu tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi; jitlob miżuri biex jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità barra miż-żoni protetti; jinnota li r-restawr tan-natura u l-ekosistemi f'żoni protetti ma jagħmilx tajjeb għat-telfien kontinwu tal-bijodiversità u d-degradazzjoni kontinwi tal-ekosistemi fi bñadi oħra;
31. Jinsab allarmat dwar it-telf u l-frammentazzjoni tal-ħabitat li għaddejjin bħalissa u l-

²⁴ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

²⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

effetti negattivi tagħhom fuq ħafna insetti pollinaturi; jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn tal-Kummissjoni li tneġġi pjan ta' azzjoni għal network ta' kurituri ekoloġiċi għall-pollinaturi, jew "Buzz Lines", flimkien mal-Istati Membri, biex tgħaqqad iż-żoni naturali eżistenti permezz ta' kurituri ekoloġiċi u tippermetti lill-ispeċijiet jiċċaqilqu fit-tfittxija ta' siti tal-ikel, tal-kenn u biex ibejtu u jirriproduċu; jissottolinja l-ħtieġa li jintlaħaq qbil dwar pjan ta' azzjoni bi skadenzi u jistieden lill-Istati Membri jintrabtu li jimplimentawh;

32. Jisħaq li l-infrastruttura lineari fl-UE għandha titfassal, tiġi ġestita u adattata sabiex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fil-forma ta' frammentazzjoni tal-ħabitats, u din l-infrastruttura ma tridx iddgħajjef l-integrità tan-network "Buzz Line";
33. Jistieden lill-Istati Membri jipromwovu d-diversità tal-ispeċijiet tal-għelejjet li jinħartu u li jiġu kkultivati u jippreżervaw kemm jista' jkun il-ħabitats naturali għall-pollinaturi;

Monitoraġġ u indikaturi

34. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-bdiewa fiż-żamma tal-ħabitats għall-pollinaturi u t-trawwim ta' prattiki agrikoli sostenibbli li jagħtu prijorità lill-benesseri ta' dawn l-ispeċijiet kruċjali u jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tal-bijodiversità; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-prattiki agrikoli li diġà qed jitwettqu fil-livell lokali biex jiġu protetti l-ħabitats tal-pollinaturi; jissottolinja, fl-istess ħin, l-importanza ta' network indipendenti ta' konsulenti biex jipromwovu t-tixrid u l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri favur il-pollinaturi;
35. Jinkoraġġixxi t-tħawwil ta' draws u r-restawr ta' msaġar ta' diversi speċijiet, li huma sors ta' trab tad-dakra u nektar;
36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw skema standardizzata ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE biex jittejjeb il-ġbir ta' data dwar il-popolazzjoni tal-pollinaturi; jissottolinja li l-granularità tad-data miġbura għandha tippermetti d-detezzjoni tal-bidliet annwali fil-popolazzjoni li huma sinifikanti għall-azzjonijiet ta' politika u l-miżuri ta' konservazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità sabiex jiksbu malajr ir-riżorsi umani meħtieġa għall-monitoraġġ tal-pollinaturi;
37. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta inizjali tal-esperti għal skema ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE²⁶ bħala l-bażi għall-iżvilupp ta' għażliet aktar avvanzati; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din il-ħidma teknika f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, bl-għan li tipproduċi sett ta' għażliet u l-kostijiet tagħhom għal skema ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE; iqis li kull għażla għandha tkun akkumpanjata minn pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni li jiddeskrivi l-lakuni fil-kapaċità teknika fl-Istati Membri u l-modijiet biex dawn jiġu indirizzati malajr;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tivverifika li l-ġhodod ta' ppjanar strateġiku għall-ġestjoni tas-siti Natura 2000, inklużi l-oqfsa ta' azzjonijiet ta' prijorità, jinkludu rekwiżiti għall-protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi, u tivvaluta l-miżuri rilevanti proposti mill-Istati

²⁶ Potts, S. et al., "[Proposal for an EU Pollinator Monitoring Scheme](#)" (Proposta għal Skema ta' Monitoraġġ tal-Pollinaturi fl-UE), Ċentru Konġunt tar-Riċerka, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, 2020.

Membri fl-oqfsa ta' azzjonijiet ta' prijorità;

39. Jemmen li l-monitoraġġ annwali ta' kwalità għolja, sostnut, fost l-oħrajn, minn għadd kbir biżżejjed ta' siti f'kull Stat Membru biex ikunu jistgħu jinstabu bidliet fl-abbundanza u r-rikkezza tal-ispeċijiet ta' diversi gruppi ta' pollinatori, ivvalutati mill-inqas kull tliet snin, huma essenzjali biex jiġu appoġġjati u mtejba l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġi żgurati infiq pubbliku aktar effettiv, u jiżdiedu l-obbligu ta' rendikont u l-fehim dwar l-impatt tal-politiki u l-leġiżlazzjoni;
40. Japprezza l-impenn tal-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri u mal-EEA biex jiġi ffinalizzat l-immappjar madwar l-UE kollha taż-żoni ewlenin tal-pollinatori sal-2025 u l-valutazzjonijiet tal-Lista l-Ħamra għall-gruppi ewlenin tal-insetti pollinatori sal-2024; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni fl-iżvilupp u fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-ispeċijiet; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw malajr l-azzjonijiet ta' konservazzjoni meħtieġa fil-livelli ta' governanza rilevanti kollha u jappoġġjaw lill-esperti u lill-partijiet ikkonċernati; iħeġġeġ lill-Istati Membri, barra minn hekk, itejbu l-isforzi attwali ta' konservazzjoni f'żoni protetti u jikkunsidraw l-istabbiliment ta' żoni protetti ġodda għall-friefet, għall-baħrijiet u għal pollinatori selvaġġi oħra, speċjalment l-ispeċijiet elenkati fil-Lista Ħamra;
41. Ifaħħar il-ħidma u r-riżultati tal-inizjattivi tal-passat u li għaddejjin tal-UE, li jiffukaw fuq il-monitoraġġ tal-ispeċijiet, l-istat tal-ħabitats, is-sustanzi niġġiesa preżenti fl-ambjent u s-sensibilizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tistabbilixxi bażi legali u qafas finanzjarju dejjiemi għall-inizjattivi li ġejjin: SPRING (It-tisħiħ tal-irkupru tal-pollinatori permezz ta' indikaturi u monitoraġġ), INSIGNIA (Monitoraġġ ambjentali ta' sustanzi niġġiesa permezz tan-naħal tal-għasel), EMBAL (Monitoraġġ Ewropew tal-Bijodiversità f'Landscapes Agrikoli), LUCAS (Stħarriġ qafas dwar l-Użu tal-Art u ż-Żona ta' Kopertura), STING (Xjenza u Teknoloġija għall-Insetti Pollinatori) u eLTER (Riċerka fit-Tul dwar l-Ekosistemi fl-Ewropa), u tiffaċilita l-integrazzjoni ta' EMBAL u INSIGNIA, kif ukoll l-iskema futur ta' monitoraġġ tal-pollinatori fl-UE, fil-qafas tal-eLTER; jissottolinja li l-monitoraġġ tal-kawżi tat-tnaqqis fil-pollinatori jeħtieġ li jitwettaq kontinwament fuq perjodi twal ta' żmien;
42. Itenni l-appell tiegħu għall-integrazzjoni ta' indikatur speċifiku tal-pollinatori fil-politika agrikola komuni, biex jiġi evalwat l-impatt tal-politika kemm fuq il-pollinatori kif ukoll fuq id-dakkir, sal-2026;

Riżorsi, kondiżjoni tal-għarfien u bini tal-kapaċitajiet

43. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta modi ġodda għall-finanzjament tal-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinatori, inkluż billi jiġi stabbilit fond tan-natura fil-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid 2027+; jissottolinja li l-inizjattiva trid timmobilizza biżżejjed riżorsi finanzjarji addizzjonali u tiżgura impenji u investimenti fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri fuq skala u b'urġenza li se jikkontribwixxu biex jitwaqqaf it-telf tal-pollinatori sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni ttipponi linja baġitarja ddedikata li tappoġġja l-monitoraġġ sistematiku tal-bijodiversità, l-indikaturi u r-rappurtar dwar il-progress, ix-xejriet u l-persjonijiet fl-Istati Membri kollha;
44. Jistieden lid-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni u lill-EEA, lill-Awtorità

Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jintensifikaw il-kooperazzjoni biex jimlew il-lakuni identifikati fid-data u fil-politika; jemmen li l-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jtejbju l-ġbir, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni u l-ġenerazzjoni ta' data ġdida dwar il-bijodiversità sabiex itejbu t-tfassil tal-politika u jiżguraw koerenza politika fil-livelli kollha;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa ta' governanza u monitoraġġ, inkluż l-assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet ċari lid-dipartimenti tal-Kummissjoni involuti fl-oqsma ta' politika rilevanti għall-pollinaturi selvaġġi;
46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka biex jifhmu aħjar l-impatt ta' sustanzi li jinterferixxu mas-sistema endokrinali fuq il-pollinaturi, u jimplimentaw politiki bbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika dwar dawn l-impatti;
47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-riċerka biex jinftiehem aħjar l-interazzjonijiet, inkluż f' termini ta' kompetizzjoni, bejn il-kolonji tan-naħal tal-għasel u l-pollinaturi nattivi/selvaġġi;
48. Jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-pollinaturi mhux biss fl-UE iżda madwar id-dinja, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi azzjoni rilevanti;
49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b' mod attiv fid-diplomazija dwar in-naħal bħala għodda ta' politika barranija biex jippromwovu l-inklużjoni tal-pollinaturi fil-politiki internazzjonali bl-għan li jappoġġjaw attivitajiet li jikkontribwixxu għar-reżiljenza ambjentali u soċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tal-gruppi vulnerabbli;
50. Jirrikonoxxi l-importanza tax-xjenzati ċittadini, inklużi l-bdiewa u t-tassonomisti, li jeħtieġ li jiġu appoġġjati aktar sabiex ikunu jistgħu jsaħħu l-għarfien espert, irawmu Prattiki tajba tagħhom u jaqsmuhom madwar l-Istati Membri; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, is-sejbiet ta' studju kkummissjonat mill-Kummissjoni²⁷ u ppubblikat f' Diċembru 2022 li juri li l-għarfien espert għandu t-tendenza li jkun partikolarment dgħajjef fil-pajjiżi bl-aktar bijodiversità rikka u jinnota li t-tassonomisti huma fil-biċċa l-kbira rġiel u qed jimmaturow; ifakkar li wieħed mill-ostakli għall-implimentazzjoni effettiva tal-programmi tax-xjenza għaċ-ċittadini huwa n-nuqqas ta' għarfien espert tassonomiku dwar l-ipproċessar tad-data u n-nuqqas ta' għodod tassonomiċi u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet; japprezza l-ħidma ta' suċċess tal-Ambaxxaturi tal-Pollinaturi biex joħolqu sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini u n-negożji u jimmotivawhom;
51. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu skemi ta' għotjiet żgħar lill-esperti, lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u lill-individwi biex jappoġġjaw azzjonijiet lokali u reġjonali favur il-pollinaturi u jippermettu l-istabbiliment ta' pjattaforma tal-UE għall-pollinaturi selvaġġi li tikkoordina l-isforzi tagħhom u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien fuq bażi fit-tul;
52. Jenfasizza l-potenzjal li jinħolqu networks lokali u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-

²⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, "European Red List of insect taxonomists" (Il-Lista Ħamra Ewropea tat-tassonomisti tal-insetti), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, 2022.

għarfien fejn il-bdiewa jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki u jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-pollinaturi, li huma speċijiet imprezzabbli, u jiżguraw ir-reżiljenza tas-sistemi agrikoli tagħna u s-sigurtà tal-ikel;

53. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-gruppi ewlenin kollha ta' insetti dakkara fil-pjattaforma tassonomika żviluppata mill-proġetti Orbit u Taxo-fly, u tiżgura u ttejjeb il-funzjonalità tagħha billi tiżviluppa għodod għat-tassonomisti u għax-xjenzati ċittadini;
 54. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-koordinazzjoni u l-aċċessibilità tal-mezzi kollha meħtieġa biex jiġu mantnuti u jittejjbu l-Iskemi Ewropej ta' Monitoraġġ tal-Friefet, inkluż billi jiżdiedu t-transects tal-friefet, jiġu mmonitorjati speċijiet rari u mhedda, bl-użu ta' teknoloġija ta' rappurtar f'ħin reali, u tiġi pprovduta assistenza finanzjarja fit-tul lill-koordinaturi maħtura tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu u jżommu aġġornata bażi tad-data pubblika tal-UE li se tkun meħtieġa għall-iskema futura ta' monitoraġġ tal-pollinaturi tal-UE;
 55. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw programmi edukattivi għal dawk li jrabbu n-naħal u għall-istudenti tal-agronomija sabiex jibnu l-kapaċità fil-ġestjoni u l-promozzjoni tal-bijodiversità u d-dakkir bħala servizz tal-ekosistema; jişhaq li huma meħtieġa sistemi ta' inċentivi biex jiġu appoġġjati miżuri li jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjonijiet ta' pollinaturi u li l-bdiewa u utenti oħra tal-art għandhom jiġu appoġġjati finanzjarjament;
 56. Jissottolinja l-importanza ta' djalogu miftuħ, kostruttiv u ġenwin fost l-istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti fil-livelli kollha ta' governanza, l-esperti, dawk li jrabbu n-naħal u ċ-ċittadini, billi dan jista' jwitti t-triq lejn sħubijiet, azzjonijiet u impenji ġodda u involviment aktar b'saħħtu, bħal matul il-Ġimġha tal-Pollinaturi tal-UE 2021: Patt Ġdid għall-Pollinaturi; jemmen li l-kondiviżjoni tal-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, ix-xjenzati ċittadini u ż-żgħażaġħ fil-protezzjoni tal-pollinaturi huma prekondizzjoni għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din l-inizjattiva;
-
- ◦
57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.